



Kummissjoni
Ewropea

MISTOQSIJET FREKWENTI

*għall-għoti ta'
informazzjoni tajba dwar
il-pazjenti fil-kura tas-
saħħa transkonfinali¹*

Mistoqsijiet Frekwenti

għall-għoti ta' informazzjoni tajba dwar il-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali¹

Pazjenti li jkunu deġlin*

Kemm ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009* kif ukoll id-Direttiva 2011/24/UE* jagħtu d-dritt għall-ħlas tal-ispejjeż għal trattament mediku* fi kwalunkwe pajjiż tal-UE*/taż-ŻEE*. Il-firxa tas-servizzi tal-kura tas-saħħa koperti, il-kundizzjonijiet tal-aċċess għat-trattament mediku*, kif ukoll l-implikazzjonijiet finanzjarji jvarjaw skont l-iskema li taħtha l-pazjent(a) igawdi/tgawdi minn trattament barra mill-pajjiż. Bħala riżultat, huwa importanti ħafna li l-pazjenti jkunu infurmati sewwa dwar il-konsegwenzi differenti tat-trattament taħt strument legali tal-UE wieħed jew l-ieħor.

Huwa l-kompitu tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali* (NCPs) li jipprovdu kemm lill-pazjenti li jkunu ħerġin* kif ukoll lil dawk li jkunu deġlin* b'informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar id-drittijiet u l-intitolamenti tagħhom għall-kura tas-saħħa transkonfinali*. Il-pazjenti li jivvjaġġaw minn kwalunkwe Stat Membru* ieħor tal-UE*/taż-ŻEE* ser jagħmlu użu mill-funzjoni tal-NCP tal-pajjiż fejn tingħata l-kura* sabiex jinfurmaw ruħhom dwar is-sistema tal-kura tas-saħħa barranija u l-fornituri tal-kura tas-saħħa, fost l-oħrajn, sabiex ikunu jistgħu jivvjaġġaw b'aktar kunfidenza meta jafu li t-trattament li jixtiequ jingħataw ser jiġi pprovdut skont ċerti standards tal-kwalità u s-sikurezza u meta jafu li ser ikollhom drittijiet u intitolamenti f'każ li xi ħaġa tmur ħażin.

Il-mudell li ġej bil-mistoqsijiet frekwenti (FAQ) jista' jintuża mill-NCPs fir-rwol tagħhom bħala NCP tal-pajjiż fejn tingħata l-kura* sabiex jipprovdi informazzjoni fuq is-sit web tal-NCP tagħhom jew bħala punt tat-tluq għall-għoti ta' pariri personali lill-pazjenti li jkunu deġlin.

Inti mistieden/mistiedna tikkopja u tippejstja l-kliekk kollu ta' hawn taħt, jew parti minnu, sabiex jintuża fuq is-sit web tal-NCP tiegħek jew fil-komunikazzjoni lill-pazjenti.

Dikjarazzjoni ta' ċaħda tar-responsabbiltà

Dan id-dokument ġie prodott taħt il-Programm tas-Saħħa (2014-2020) fil-qafas ta' kuntratt speċifiku mal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (CHAFEA) li taġixxi taħt il-mandat tal-Kummissjoni Ewropea. Il-kontenut ta' dan ir-rapport jirrappreżenta l-fehmiet tal-kuntrattur u huwa r-responsabbiltà unika tiegħu; dan bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni Ewropea u/jew ta' CHAFEA jew ta' kwalunkwe korp ieħor tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea u/jew CHAFEA ma jiggarrantixx il-preċiżjoni tad-*data* inkluża f'dan ir-rapport, u lanqas ma jaċċettaw ir-responsabbiltà għal kwalunkwe użu taqħha li jsir minn partijiet terzi.

¹ Għal kull kelma jew kunċett f'dawn il-mistoqsijiet frekwenti direttament segwiti minn asterisk (*), huma pprovduti definizzjonijiet u spjegazzjonijiet korrispondenti fil-glossarju alfabetiku ta' akkumpanjament.

Ħarsa ġenerali

Id-drittijiet tal-pazjenti għall-kura tas-saħħa transkonfinali
X'jiġri jekk inkorri jew nimrad f'daqqa waqt li nkun qiegħed f'dan il-pajjiż, bħal waqt btala, żjara tal-familja, vjaġġ fuq xogħol jew skambji ta' studju?
Fejn għandi napplika għall-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* tiegħi?
Kif nista' nsir naf lil min għandi nikkuntattja u għand liema fornitur tal-kura tas-saħħa jew sptar għandi mmur f'każ ta' korriment jew mard f'daqqa barra minn pajjiżi?
Jien intitolat(a) għal dijaliżi tal-kliewi, terapija bl-ossiġenu jew kimoterapija matul is-soġġorn tiegħi għal żmien qasir? Jew jien intitolata għal kwalunkwe kura tas-saħħa relatata mat-tqala tiegħi matul is-soġġorn tiegħi barra minn pajjiżi?
Jien intitolat(a) li nivvjaġġa lejn dan il-pajjiż bl-iskop espliċitu li jkolli aċċess għall-kura tas-saħħa?
Xi ngħidu dwar id-drittijiet u l-intitolamenti għall-kura tas-saħħa ta' ħaddiem(a) bejn il-fruntieri?
X'jiġri jekk inkun nirrisjedi f'pajjiż ieħor minbarra l-pajjiż li skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tiegħu jien assigurat(a)?
Aċċess għall-kura tas-saħħa
X'inhuma l-possibiltajiet ta' trattament tiegħi?
Għandi bżonn nippreżenta dokument jew awtorizzazzjoni mingħand is-servizz tas-saħħa nazzjonali* / il-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħi lura f'pajjiżi?
Għandi bżonn riferiment?
Fejn insib informazzjoni dwar il-listi ta' stennija?
Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew l-isptar lokali jista' jirrifjuta li jaċċettani bħala pazjent barrani?
Riċetti
Nista' nippreżenta riċetta maħruġa f'pajjiżi lil spiżerija lokali matul is-soġġorn tiegħi barra minn pajjiżi?
Nista' nippreżenta riċetta maħruġa barra minn pajjiżi lill-ispiżerija tiegħi lura f'pajjiżi?
Fornituri tal-kura tas-saħħa u sptarijiet
Kif nista' nsib fornitur tal-kura tas-saħħa?
Kif nista' nsib sptar li jwettaq it-trattament li nixtieq ningħata?
Fejn nista' nsib aktar informazzjoni dwar fornitur tal-kura tas-saħħa jew sptar speċifiku?
Kif nista' nsir naf jekk l-isptar jew il-faċilità tas-saħħa fejn nixtieq immur humiex aċċessibbli għall-pazjenti b'diżabbiltà?
Kif nista' nsib fornitur tal-kura tas-saħħa?
Il-kwalità tat-trattament
Kif nista' naċċerta ruħi li t-trattament ser jiġi pprovdut skont ċerti linji gwida tal-kwalità u s-sikurezza?
Kif nista' naċċerta ruħi li l-fornitur tal-kura tas-saħħa li nixtieq immur għandu huwa kkwalfikat sabiex jipprattika l-mediċina u li għandu reputazzjoni tajba?
Rimborż u spejjeż
Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew l-isptar lokali jista' jitlobni miżati oġġla minħabba li jien pazjent(a) barrani(ja)?
Fejn nista' nsib aktar informazzjoni dwar il-prezzijiet tat-trattament?
X'inhuma l-possibiltajiet tiegħi li jkolli parti mill-ispejjeż imħallsa mis-servizz tas-saħħa nazzjonali* / mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħi lura f'pajjiżi?
Jien irrid inħallas bil-quddiem meta jkolli awtorizzazzjoni minn qabel* mingħand is-servizz tas-saħħa nazzjonali / il-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħi lura f'pajjiżi?
F'każ li jkolli nħallas bil-quddiem, lil liema istituzzjoni għandi nibgħat it-talba tiegħi għal rimborż?
Id-drittijiet tal-pazjenti

X'jiġri jekk ma naqbilx mat-trattament jew l-intervent mediku propost mill-fornitur tal-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż?
Fejn nista' nsib informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħi bħala pazjent f'dan il-pajjiż?
Kura ta' segwitu
X'jiġri jekk inkun neħtieġ kura ta' segwitu wara li ningħata trattament jew intervent mediku barra minn pajjiżi?
Rekords mediċi u lingwa
Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-lingwa tat-trattament?
Għandi bżonn nagħmel l-arranġamenti għall-interpretar jien stess meta ma nkunx nista' nifhem lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li jikkurani minħabba barriera lingwistika?
X'għandu jiddokumenta l-fornitur tal-kura tas-saħħa fir-rekords mediċi tiegħi?
Jien intitolat(a) li jkolli aċċess għar-rekords mediċi tiegħi?
Kif nagħmel l-arranġamenti għat-trasferiment tar-rekords mediċi tiegħi lura f'pajjiżi?
Ilmenti u prattika ħażina
X'jiġri jekk ma nkunx sodisfatt(a) bit-trattament li ningħata jew jekk xi ħaġa tmur ħażin?
Lil min għandi nikkuntattja sabiex nirċievi aktar informazzjoni dwar il-possibbiltajiet tiegħi li nressaq ilment u nfittex rimedju?
Kif nista' niżgura ruħi li l-fornitur tal-kura tas-saħħa għandu assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali jew garanziji simili f'każ li xi ħaġa tmur ħażin?
Punti ta' Kuntatt Nazzjonali
X'inhuma l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali*?
Kif nista' nikkuntattja Punt ta' Kuntatt Nazzjonali*?

① Id-drittijiet tal-pazjenti dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali

1.1. Trattament mediku meħtieġ matul soġġorn għal żmien qasir

X'jiġri jekk inkorri jew nimrad f'daqqa waqt li nkun qiegħed f'dan il-pajjiż, bħal waqt btala, żjara tal-familja, vjaġġ fuq xogħol jew skambji ta' studju?

Il-viżitaturi minn pajjiżi oħrajn tal-UE*/taż-ŻEE* jew mill-Iżvizzera* huma intitolati għat-trattamenti kollha li jsiru medikament meħtieġa* matul is-soġġorn tagħhom.

Trattament medikament meħtieġ* huwa trattament minħabba korriment jew marda f'daqqa matul soġġorn għal żmien qasir, bħal btala, vjaġġ fuq xogħol, żjara tal-familja jew skambji ta' studju, li ma jistax jiġi pospost u li jrid isirlek sabiex tevita li jkollok tiritorna lejn pajjiżek qabel ma jintemm iż-żmien ipplanat tas-soġġorn tiegħek.

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, iċ-ċittadini tal-UE*/taż-ŻEE* jew Żvizzeri* huma intitolati li jgawdu mill-ħlas tal-ispejjeż għall-kura tas-saħħa pprovduta barra minn pajjiżhom abbażi tal-assigurazzjoni tas-sigurtà soċjali / tal-intitolamenti tagħhom għas-servizzi tas-saħħa pubblika lura f'pajjiżhom. L-aktar rotta komuni sabiex tgawdi mill-ħlas tal-ispejjeż hija billi tippreżenta l-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* lill-fornitur tal-kura tas-saħħa jew lill-isptar fejn tingħata l-kura. Bil-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* tiegħek, inti tkun intitolat(a) għat-trattament medikament meħtieġ* skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009*. Inti ser tiġi ttrattat bħala pazjent domestiku b'assigurazzjoni tas-saħħa pubblika u ser tgawdi mill-ħlas tal-ispejjeż skont l-istess metodu ta' ħlas u tariffi applikati għall-pazjenti domestiċi.

Jekk jogħġbok innota li l-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* tiegħek tista' tintuża biss meta tiġi kkurat(a) fi sptar jew minn fornitur tal-kura tas-saħħa li huwa kkuntrattat/affiljat mal-iskema tas-sigurtà soċjali u li huwa intitolat li jipprovdi s-servizzi koperti taħt il-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali. Is-servizz tas-saħħa nazzjonali lokali*/ il-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* jew il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż taż-żjara tiegħek jistgħu jipprovdulekk aktar informazzjoni dwar liema fornituri tal-kura tas-saħħa huma rreġistrati taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali.

Jekk inti tiġi kkurat(a) mingħajr Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* valida jew ma tkunx tista' tuża l-karta tiegħek, pereżempju minħabba li tiġi kkurat(a) fi sptar privat, inti tħallas għat-trattament privatament jew inkella tkun tista' tressaq talba għal rimborż retrospettiv mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek malli tiritorna f'pajjiżek skont id-Direttiva 2011/24/UE*. Skont id-Direttiva 2011/24/UE, inti ser tkun intitolat(a) għall-ħlas tal-ispejjeż daqslikieku t-trattament kien ipprovdut f'pajjiżek. Bħala riżultat, ser japplikaw il-metodu tal-ħlas u t-tariffi ta' pajjiżek*.

Għal aktar informazzjoni dwar id-drittijiet u l-intitolamenti tiegħek għat-trattament medikament meħtieġ* matul is-soġġorn tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ lill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek jew lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* f'pajjiżek*. Huma jippreżentawlek l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea*, bħal fejn għandek tapplika għall-karta, għal liema trattament tista' tuża l-karta, il-ħlas tal-ispejjeż, x'għandek tagħmel meta l-karta tiegħek ma tiġix aċċettata, u l-bqija.

Fejn għandi napplika għall-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea tiegħi?

Il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* (EHIC*) hija karta mingħajr ħlas, maħruġa mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorju* tiegħek bħala prova li inti kopert(a) taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali f'pajjiżek* u, b'hekk, li inti intitolat(a) għall-kura tas-saħħa pubblika hemmhekk. L-EHIC* tagħti aċċess għall-ħlas tal-ispejjeż għat-trattament

medikament meħtieġ* matul soġġorn għal terminu qasir f'pajjiż ieħor tal-UE*/taż-ŻEE* jew fl-lżvizzera*, bħal btala jew skambji ta' studju.

Inti tista' tapplika għall-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorju* tiegħek. Jekk jogħġbok ftakar li għandek tiżgura li l-karta tiegħek hija valida qabel tivvjaġġa barra minn pajjiżek. Jekk ikun meħtieġ, kun żgur li ġġedded il-karta tiegħek fi żmien xieraq.

Kif nista' nsir naf lil min għandi nikkuntattja u għand liema fornitur tal-kura tas-saħħa jew sptar għandi mmur f'każ ta' korriment jew mard f'daqqa barra minn pajjiżi?

Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż tas-soġġorn tiegħek jista' jipprovdu aktar informazzjoni dwar x'għandek tagħmel u lil min għandek tikkuntattja f'każ li tkorri jew timrad f'daqqa matul is-soġġorn tiegħek barra minn pajjiżek.

F'każ ta' emerġenza waqt li tkun fl-UE* jew fl-lżvizzera, jekk jogħġbok ċempel fuq in-numru 112.

In-numru ta' emerġenza Ewropew 112 huwa disponibbli kullimkien fl-UE* u huwa mingħajr ħlas. Meta tkun teħtieġ attenzjoni medika urġenti, jekk jogħġbok ċempel fuq in-numru 112 sabiex ikollok aċċess dirett għall-assistenza tal-pulizija, għas-servizzi tal-ambulanza jew għas-servizzi tat-tifi tan-nar u tas-salvataġġ.

Jien intitolat(a) għal dijaliżi tal-kliewi, terapija bl-ossiġenu jew kimoterapija matul iż-żjara tiegħi għal żmien qasir? Jew jien intitolata għal kwalunkwe kura tas-saħħa relatata mat-tqala tiegħi waqt is-soġġorn tiegħi barra minn pajjiżi?

Il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* tiegħek tkopri wkoll is-sitwazzjoni fejn tkun tbatu minn mard kroniku (bħal dijabete, ażma, kanċer jew mard kroniku tal-kliewi) jew meta tkun tqala, u tkun taf minn qabel li hemm possibbiltà li tista' tkun teħtieġ trattament mediku* matul is-soġġorn tiegħek. Sakemm l-iskop espliċitu tal-vjaġġ tiegħek ma kienx li tikseb aċċess għal trattament mediku*, bħal sabiex twelled jew sabiex tingħata trattament b'rabta ma' tqala jew mard kroniku, dan jittqies bħala trattament medikament meħtieġ* skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009*.

Kun af li għall-kura vitali li teħtieġ tagħmir jew persunal speċjalizzati, għandek tikseb ftehim minn qabel mill-isptar jew mill-faċilità tal-kura tas-saħħa fejn tixtieq li tikseb it-trattament. B'dan il-mod, l-istituzzjoni barranija tista' tiżgura d-disponibbiltà u l-kontinwità tat-trattament tiegħek matul is-soġġorn tiegħek barra minn pajjiżek. Eżempji ta' trattament bħal dan huma dijaliżi tal-kliewi, terapija bl-ossiġenu, trattament speċjali għall-ażma u kimoterapija.

1.2. Trattament mediku ppjanat barra mill-pajjiż

Jien intitolat(a) li nivvjaġġa lejn dan il-pajjiż bl-iskop espliċitu li jkolli aċċess għall-kura tas-saħħa?

Meta tkun intitolat(a) għall-kura tas-saħħa taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali ta' pajjiż tal-UE*/taż-ŻEE*, inti għandek id-dritt li tfittex kura tas-saħħa fi kwalunkwe pajjiż ieħor tal-UE*/taż-ŻEE* jew fl-lżvizzera*, li ssir referenza għaliha wkoll bħala trattament ippjanat* barra mill-pajjiż, u li tgawdi mill-ħlas tal-ispejjeż minn pajjiżek*.

Inti għandek id-dritt li jkollok aċċess għall-kura tas-saħħa li tinkludi:

- dijanjożi medika
- trattament mediku
- il-preskrizzjoni, id-dispensar u l-forniment ta' mediċini u tagħmir mediku

Inti tista' tgawdi mill-ħlas tal-ispejjeż għal trattament ippjanat* f'pajjiż ieħor tal-UE*/taż-ŻEE* taħt żewġ strumenti legali tal-UE differenti: ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u

987/2009* u d-Direttiva 2011/24/UE*.

Iż-żewġ rotot jirriżultaw f'konsegwenzi differenti għall-pazjenti fir-rigward tal-bażi ġuridika, il-kamp ta' applikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti, il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, it-tariffi ta' rimborż applikabbli, il-proċedura tal-ħlas u l-formalitajiet, kif ukoll il-livell ta' kontribuzzjoni proprja tal-pazjent. Kun żgur li dejjem tkun infurmat sewwa dwar kwalunkwe implikazzjonijiet finanzjarji u oħrajn qabel tivvjaġġa barra minn pajjiżek.

Skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009*:

- Dejjem għandek tikseb awtorizzazzjoni minn qabel* mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek qabel tivvjaġġa barra minn pajjiżek
- Inti intitolat(a) għall-ħlas tal-ispejjeż daqslikieku kont assigurat(a) taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż fejn tingħata l-kura*
- It-trattament ikkonċernat irid ikun inkluż fil-firxa ta' beneficiċċji tal-mard koperti taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż fejn tingħata l-kura* (anki f'każ li inti kont tkun intitolat(a) għall-ħlas tal-ispejjeż kieku t-trattament kien ipprovdut f'pajjiżek*)
- Inti tgawdi mill-istess metodu ta' ħlas u tariffi bħall-pazjenti domestiċi b'assigurazzjoni tas-saħħa pubblika

Skont id-Direttiva 2011/24/UE*:

- Normalment ma tkunx meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel* mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek. Madankollu, għal ċerti servizzi tas-saħħa, bħal trattament fi sptar jew trattament għoli u speċjalizzat ħafna, tista' tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel*
- Inti intitolat(a) għall-ħlas tal-ispejjeż daqslikieku t-trattament kien ipprovdut f'pajjiżek*
- It-trattament ikkonċernat irid ikun inkluż fil-firxa ta' beneficiċċji tal-mard koperti taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali ta' pajjiżek* (inti intitolat(a) biss għall-ħlas tal-ispejjeż li kienu jitħallsu kieku t-trattament kien ipprovdut f'pajjiżek)
- L-ewwel ikollok tħallas għat-trattament privatament. B'mod retrospettiv, inti tista' tressaq talba għal rimborż mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek malli tirritorna lejn pajjiżek. Huma ser japplikaw l-istess tariffa ta' rimborż bħal dik għat-trattament ipprovdut f'pajjiżek*

Qabel tivvjaġġa barra minn pajjiżek bl-iskop li tikseb aċċess għall-kura tas-saħħa, jekk jogħġbok għandek l-ewwel tikkonsulta dejjem lis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ lill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek f'pajjiżek. Barra minn hekk, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* li jinsab f'pajjiżek* ser jipprovdilek l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar id-drittijiet u l-intitolamenti tiegħek għal trattament barra minn pajjiżek skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009* u d-Direttiva 2011/24/UE*.

Xi ngħidu dwar id-drittijiet u l-intitolamenti għall-kura tas-saħħa ta' ħaddiem bejn il-fruntieri?

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, ħaddiem bejn il-fruntieri* huwa definit bħala persuna impjegata jew persuna li taħdem għal rasha li tirrisjedi u taħdem f'żewġ Stati Membri differenti tal-UE*/taż-ŻEE* jew fl-Iżvizzera* u li ġeneralment tirritorna lejn il-pajjiż tar-residenza tagħha fuq bażi ta' kuljum jew mill-inqas darba fil-ġimgħa. Il-ħaddiema bejn il-fruntieri* huma intitolati għall-kura tas-saħħa kemm fil-pajjiż tal-impjeg kif ukoll fil-pajjiż tar-residenza.

Il-ħaddiem(a) bejn il-fruntieri jrid/trid jagħmel/tagħmel talba għal formola S1* mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tal-pajjiż fejn ikun/tkun soġġett għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali (il-pajjiż tal-impjeg). Il-formola S1* trid tiġi ppreżentata lill-awtorità tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż tar-residenza. B'dan il-mod, il-ħaddiem(a) bejn il-fruntieri u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha ser ikunu intitolati għall-kura tas-saħħa fiż-żewġ pajjiżi, skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali rispettiva u f'kull pajjiż bl-istess drittijiet u intitolamenti bħall-

pazjenti domestiċi b'assicurazzjoni tas-saħħa pubblika.

Għal aktar informazzjoni dwar id-drittijiet u l-intitolamenti tiegħek bħala ħaddiem(a) bejn il-fruntieri*, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ lill-fornitur tal-assicurazzjoni tas-saħħa* tiegħek.

1.3. Kura tas-saħħa meta tkun qed tgħix barra minn pajjiżek

X'jiġri jekk inkun nirrisjedi f'pajjiż ieħor minbarra l-pajjiż li skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tiegħu jien assigurat(a)?

Ħafna drabi inti tkun intitolat(a) biss għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż tar-residenza tiegħek, kemm jekk tkunx intitolat(a) f'isem pajjiż ieħor li inti assigurat(a) fih skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tiegħu kif ukoll jekk le.

Madankollu, f'xi każijiet, il-pazjenti jistgħu jibqgħu intitolati għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż tal-assicurazzjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom jew fil-pajjiż tax-xogħol preċedenti:

(! Il-Membri tal-Familja ta' ħaddiem bejn il-fruntieri li jirrisjedu f'pajjiż elenkat fl-Anness III tar-Regolament 883/2004 huma esklużi mill-arranġamenti speċjali stabbiliti hawn taħt)*

- Il-ħaddiema (stazzjonati), inklużi l-ħaddiema bejn il-fruntieri*, li jirrisjedu f'pajjiż ieħor minbarra l-pajjiż tal-attività tax-xogħol u tal-assicurazzjoni tas-sigurtà soċjali huma intitolati għall-kura tas-saħħa matul soġġorn fil-pajjiż tax-xogħol bl-ispejjeż jitħallsu minn dak il-pajjiż stess u skont il-leġiżlazzjoni tiegħu, daqslikieku l-persuna kkonċernata kienet tirrisjedi f'dak il-pajjiż.
- Pensjonanti li jirrisjedu barra mill-pajjiż li taħt is-sistema ta' assigurazzjoni tas-sigurtà soċjali tiegħu huma assigurati jistgħu jkunu intitolati għall-kura tas-saħħa matul soġġorn lura fil-pajjiż tal-assicurazzjoni tas-sigurtà soċjali tagħhom bl-ispejjeż jitħallsu minn dak il-pajjiż stess u skont il-leġiżlazzjoni tiegħu, daqslikieku l-persuna kkonċernata kienet tirrisjedi f'dak il-pajjiż (applikabbli biss meta l-pajjiż tal-assicurazzjoni tas-sigurtà soċjali jkun għażel dan l-arranġament u jkun inkluż fl-Anness IV għar-Regolament 883/2004*)
- Il-ħaddiema bejn il-fruntieri rtirati jibqgħu intitolati għal trattament fil-pajjiż fejn eżerċitaw l-aħħar l-attività tax-xogħol tagħhom, sakemm dan ikun kontinwazzjoni tat-trattament li diġà kien inbeda matul l-attività. F'xi każijiet, ħaddiem(a) bejn il-fruntieri rtirat(a) jibqa'/tibqa' intitolat(a) għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż tal-attività tax-xogħol preċedenti, irrispettivament mill-kontinwazzjoni tat-trattament jew le, bl-ispejjeż jitħallsu minn dak il-pajjiż stess u skont il-leġiżlazzjoni tiegħu, daqslikieku l-persuna kkonċernata kienet tirrisjedi f'dak il-pajjiż. Dan ikun il-każ meta huwa/hija jkun/tkun ħadem/ħadmet għal mill-inqas sentejn bħala ħaddiem(a) bejn il-fruntieri fl-aħħar ħames snin qabel id-data effettiva tal-pensjoni tiegħu/tagħha u kemm l-Istat Membru tal-attività tax-xogħol preċedenti kif ukoll il-pajjiż tal-assicurazzjoni tas-sigurtà soċjali jkunu għażlu dan u jkunu elenkati fl-Anness V għar-Regolament 883/2004*. F'dan il-każ, il-ħaddiem(a) bejn il-fruntieri rtirat(a) jrid/trid jagħmel/tagħmel talba għal formola S3* mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assicurazzjoni tas-saħħa* tal-pajjiż fejn ikun/tkun soġġett għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali. Il-formola S3* trid tiġi ppreżentata lill-awtorità tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż tal-attività ta' xogħol preċedenti.

② L-aċċess għall-kura tas-saħħa

X'inhuma l-possibiltajiet ta' trattament tiegħi?

Jekk tfittex informazzjoni dwar il-possibiltajiet ta' trattament tiegħek, għandek l-ewwel tikkuntattja direttament lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li mingħandu tixtieq tingħata trattament. Huwa għandu jinfurmak dwar il-possibiltajiet ta' trattament kollha tiegħek.

Jekk ma jkollok ebda fornitur tal-kura tas-saħħa jew sptar partikolari f'moħħok, ikkuntattja lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* lokali fil-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament għal aktar informazzjoni dwar kif tfittex u tikkuntattja fornitur tal-kura tas-saħħa jew sptar li jista' jipprovdi t-trattament li tixtieq tingħata.

Għandi bżonn nippreżenta dokument jew awtorizzazzjoni mingħand is-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ il-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħi lura f'pajjiżi?

Meta tmur għal btala...

Meta tkorri jew timrad f'daqqa matul is-soġġorn tiegħek barra minn pajjiżek, inti ser ikollok tippreżenta Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* valida lill-fornitur tal-kura tas-saħħa jew lill-isptar lokali. Il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea* (EHIC*) hija karta mingħajr ħlas, maħruġa mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorju* tiegħek bħala prova li inti kopert(a) taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali f'pajjiżek* u, b'hekk, li inti intitolat(a) għall-kura tas-saħħa pubblika. L-EHIC* tagħtik aċċess għall-ħlas tal-ispejjeż għal trattament medikament meħtieġ* matul soġġorn għal żmien qasir f'pajjiż ieħor tal-UE*/taż-ŻEE* jew fl-livizzera*, bħal btala, vjaġġ fuq xogħol jew skambji ta' studju.

Meta tivvjaġġa barra minn pajjiżek bl-iskop espliċitu li tingħata trattament hemmhekk...

Meta tivvjaġġa barra minn pajjiżek bl-iskop espliċitu li tikseb aċċess għall-kura tas-saħħa, tista' tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel* mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek lura f'pajjiżek.

Jekk tkunx teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel* qabel tivvjaġġa barra minn pajjiżek sabiex tingħata trattament jiddependi minn jekk teżerċitax id-dritt tiegħek għall-kura tas-saħħa transkonfinali* skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali* jew skont id-Direttiva 2011/24/UE* u minn x'tip ta' kura tas-saħħa tixtieq tingħata. Bħala regola ġenerali, probabbilment tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel* meta tippjana li tingħata trattament fi sptar jew f'każ ta' trattament għali u speċjalizzat ħafna barra minn pajjiżek.

Jekk tkun tixtieq tingħata kura tas-saħħa transkonfinali* skont **ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali***, dejjem tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel* mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek - kemm għal trattament inpatient* kif ukoll għal dak outpatient*. Meta t-talba tiegħek għal awtorizzazzjoni minn qabel tintlaqa', is-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ il-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek joħroġlok formola S2*, li inti ser ikollok tippreżenta lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li jikkurak barra minn pajjiżek bħala prova tal-kopertura tas-sigurtà soċjali tiegħek.

Ġeneralment, skont **id-Direttiva 2011/24/UE***, ma tkunx meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel* mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek. Madankollu, għal xi trattamenti, il-leġislatur tal-UE ta lill-Istati Membri l-possibbiltà li jinstallaw sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel*. Fi kwalunkwe każ, tista' tkun meħtieġa biss awtorizzazzjoni minn qabel* fil-każ ta':

- Kura tas-saħħa li tinvolvi akkomodazzjoni mal-lejl fi sptar
- Kura tas-saħħa li tinvolvi infrastruttura medika jew tagħmir mediku speċjalizzati ħafna u għoljin ħafna
- Kura tas-saħħa li tippreżenta riskju għas-sikurezza tal-pazjent stess (riskju għas-sikurezza tal-pazjent*) jew għal dik tal-popolazzjoni ġenerali (riskju għas-sikurezza tal-popolazzjoni ġenerali*)
- Kura tas-saħħa pprovduta minn fornitur tal-kura tas-saħħa li, fuq bażi ta' każ b'każ, tista' twassal għal tħassib serju u speċifiku relatat mal-kwalità u s-sikurezza tal-kura

Jekk tixtieq tirċievi informazzjoni aktar dettaljata dwar liema trattament partikolari jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel*, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ lill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek jew lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* f'pajjiżek għal aktar informazzjoni.

NOTA: meta meħtieġ, qatt ma għandek tingħata trattament barra minn pajjiżek mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel* tas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ tal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek. Jekk tkun ingħatajt trattament barra minn pajjiżek mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel* mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek, teżisti l-possibbiltà li t-talbiet tiegħek għal rimborż* jiġu rrifjutati. B'risultat ta' dan, jista' jkun li inti jkollok tħallas l-ispejjeż mediċi kollha mġarrba barra minn pajjiżek inti stess.

Għandi bżonn riferiment?

Meta tkun tixtieq tingħata trattament skont ir-*Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009**, il-ħtieġa ta' riferiment ser tkun tiddependi minn jekk hemmx fis-seħħ sistema ta' riferiment fil-pajjiż fejn tingħata l-kura* jew le. Meta dan tabilħaqq ikun il-każ, jista' jkun meħtieġ riferiment mill-GP* tiegħek f'pajjiżek jew minn GP* fil-pajjiż fejn tingħata l-kura* sabiex tkun tista' tikseb aċċess għal kura tas-saħħa speċjalizzata fil-pajjiż ikkonċernat.

Madankollu, meta tkun trid tingħata trattament barra minn pajjiżek skont id-*Direttiva 2011/24/UE**, il-ħtieġa ta' riferiment ser tkun tiddependi minn jekk hemmx fis-seħħ sistema ta' riferiment għall-aċċess għal trattament speċjalizzat f'pajjiżek* jew le. Meta ma jkunx meħtieġ riferiment bħal dan sabiex tikseb aċċess għall-kura tas-saħħa f'pajjiżek*, ma jkunx meħtieġ lanqas li tikseb riferiment mill-GP* tiegħek qabel tikseb aċċess għal trattament speċjalizzat barra minn pajjiżek.

Ikkuntattja lis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ lill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek u lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* f'pajjiżek għal aktar informazzjoni. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament jista' jipprovdilek aktar informazzjoni dwar jekk hemmx fis-seħħ sistema ta' riferiment f'dak il-pajjiż jew le.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-listi ta' stennija?

Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew l-isptar, kif ukoll il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* fil-pajjiż fejn tixtieq tingħata trattament jistgħu jipprovdilek informazzjoni dwar kemm ser ikollok tistenna qabel tingħata t-trattament u dwar kwalunkwe lista ta' stennija possibbli li trid tiġi rrispettata.

Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew l-isptar lokali jista' jirrifjuta li jaċċettani bħala pazjent barrani?

Il-fornituri tal-kura tas-saħħa jew l-isptarijiet jistgħu jirrestrinġu l-ammissjoni ta' pazjenti barranin biss fejn dan ikun ġustifikat minn raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali, bħar-reqwiziti tal-ippjanar relatati mal-għan li jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u permanenti għal trattament ta' kwalità għolja għall-pazjenti domestiċi fit-territorju tagħhom. Pereżempju, jista' jintwera li miżura bħal din tkun meħtieġa meta l-għadd ta' pazjenti barranin jidher li jkun tant għoli li l-isptarijiet lokali jimtlew b'għadd kbir wisq ta' pazjenti u ma jkunux jistgħu jlaħḥqu mad-domanda, tant li dan iwassal għal listi ta' stennija insostenibbli għall-pazjenti domestiċi.

Kwalunkwe restrizzjoni fuq l-ammissjoni ta' pazjenti barranin trid tkun disponibbli għall-pubbliku minn qabel. Ikkuntattja lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament għal aktar informazzjoni dwar kwalunkwe restrizzjoni possibbli għall-aċċess għall-kura tas-saħħa barra minn pajjiżek.

③ Riċetti

Nista' nippreżenta riċetta maħruġa mill-fornitur tal-kura tas-saħħa li jikkurani f'pajjiżi lil spiżerija lokali matul is-soġġorn tiegħi barra minn pajjiżi?

Riċetta* għal mediċina jew tagħmir mediku maħruġa f'pajjiżek hija valida fi kwalunkwe pajjiż tal-UE*/taż-ŻEE*.

Madankollu, sabiex tiżgura li r-riċetta* tiegħek tiġi rikonossuta u tinftiehem sewwa mill-ispiżjar barra minn pajjiżek, informa lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li joħroġlok ir-riċetta dwar il-pjan tiegħek li tuża r-riċetta barra minn pajjiżek. Huwa/hija jippreskrivi/tippreskrivi l-medikazzjoni jew it-tagħmir mediku skont ir-rekwiżiti minimi tal-informazzjoni għar-riċetti transkonfinali* (id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2012/52/UE*):

- L-Identifikazzjoni tal-pazjent: kunjom(ijiet); isem/ismijiet; id-data tat-twelid
- L-awtentikazzjoni tar-riċetta: id-data tal-ħruġ
- L-identifikazzjoni tal-fornitur tal-kura tas-saħħa li joħroġ ir-riċetta: kunjom(ijiet); isem/ismijiet; kwalifika professjonali; id-dettalji għal kuntatt dirett, bħall-posta elettronika u t-telefon jew il-fax; l-indirizz tax-xogħol, inkluż l-isem tal-Istat Membru rilevanti; firma bil-miktub jew diġitali
- L-identifikazzjoni tal-prodott preskritt: isem komuni (sustanza attiva) jew, f'każijiet eċċezzjonali, l-isem; il-formulazzjoni farmaċewtika (pillola, soluzzjoni, eċċ.); il-kwantità; is-saħħa; l-iskeda tad-dożaġġ

Jekk jogħġbok innota li l-mediċina kkonċernata tista' ma tkunx disponibbli jew awtorizzata għall-bejgħ fil-pajjiż barrani. Jekk possibbli, dejjem ipprova ixtri l-mediċini bir-riċetta tiegħek minn spiżerija fil-pajjiż fejn tinħareġ ir-riċetta.

Nista' nippreżenta riċetta maħruġa barra minn pajjiżi lill-ispiżerija tiegħi lura f'pajjiżi?

Riċetta maħruġa f'pajjiż ieħor tal-UE*/taż-ŻEE* għandha tkun rikonossuta minn kwalunkwe spiżerija f'pajjiżek*. B'dan il-mod, jistgħu jiġu żgurati s-segwitu u l-kontinwità tal-kura malli tirritorna lejn pajjiżek.

Madankollu, sabiex tiżgura li r-riċetta* tiġi rikonossuta u tinftiehem sewwa mill-ispiżjar tiegħek lura f'pajjiżek, informa lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li joħroġlok ir-riċetta dwar il-pjan tiegħek li tuża r-riċetta f'pajjiżek*. Huwa/hija jippreskrivi/tippreskrivi l-medikazzjoni jew it-tagħmir mediku skont ir-rekwiżiti minimi tal-informazzjoni għar-riċetti transkonfinali* (id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2012/52/UE*):

- L-Identifikazzjoni tal-pazjent: kunjom(ijiet); isem/ismijiet; id-data tat-twelid
- L-awtentikazzjoni tar-riċetta: Id-data tal-ħruġ
- L-identifikazzjoni tal-fornitur tal-kura tas-saħħa li joħroġ ir-riċetta: kunjom(ijiet); isem/ismijiet; kwalifika professjonali; id-dettalji għal kuntatt dirett, bħall-posta elettronika u t-telefon jew il-fax; l-indirizz tax-xogħol, inkluż l-isem tal-Istat Membru rilevanti; firma bil-miktub jew diġitali
- L-identifikazzjoni tal-prodott preskritt: isem komuni (sustanza attiva) jew, f'każijiet eċċezzjonali, l-isem; il-formulazzjoni farmaċewtika (pillola, soluzzjoni, eċċ.); il-kwantità; is-saħħa; l-iskeda tad-dożaġġ

Jekk jogħġbok innota li l-mediċina kkonċernata tista' ma tkunx disponibbli jew awtorizzata għall-bejgħ f'pajjiżek*. Jekk possibbli, dejjem ipprova ixtri l-mediċini bir-riċetta tiegħek minn spiżerija fil-pajjiż fejn tinħareġ ir-riċetta.

④ Fornituri tal-kura tas-saħħa u sptarijiet

Kif nista' nsib fornitur tal-kura tas-saħħa?

Jekk tixtieq tikseb informazzjoni dwar il-fornituri tal-kura tas-saħħa u dwar kif tikkuntattjahom, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament ser ikun jista' jipprovdi lekt aktar informazzjoni.

Kif nista' nsib sptar li jwettaq it-trattament li nixtieq ningħata?

Jekk tixtieq tikseb informazzjoni dwar l-isptarijiet u dwar kif tikkuntattjahom, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament ser ikun jista' jipprovdu aktar informazzjoni.

Fejn nista' nsib aktar informazzjoni dwar fornitur tal-kura tas-saħħa jew sptar speċifiku?

Jekk tfittex informazzjoni dwar fornitur tal-kura tas-saħħa speċifiku, għandek l-ewwel tikkuntattja direttament lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li mingħandu tixtieq tingħata trattament. Huwa/hija obbligat(a) li jipprovdu/tipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

- l-istatus tal-awtorizzazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-fornitur tal-kura tas-saħħa, li huwa prova tal-liċenzja tiegħu/tagħha sabiex jipprattika/tipprattika l-mediċina
- il-kopertura tal-assigurazzjoni tal-fornitur tal-kura tas-saħħa għar-responsabbiltà professjonali
- l-intitolament tal-fornitur tal-kura tas-saħħa sabiex jipprovdi s-servizzi tas-saħħa koperti taħt l-iskema tas-sigurtà soċjali

Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta wkoll mis-servizzi tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* jew mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tixtieq li tingħata t-trattament.

Kif nista' nsir naf jekk l-isptar jew il-faċilità tas-saħħa fejn nixtieq immur humiex aċċessibbli għall-pazjenti b'diżabbiltà?

Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew l-isptar, kif ukoll il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* fil-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà tal-isptar għall-pazjenti b'diżabbiltà.

Kif nista' nsib fornitur tal-kura tas-saħħa?

Ikkuntattja lis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ lill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* jew lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* fil-pajjiż fejn tixtieq li tingħata trattament għal aktar informazzjoni dwar kif tfittex u tikkuntattja fornitur tal-kura tas-saħħa jew sptar.

⑤ Il-kwalità tat-trattament

Kif nista' naċċerta ruħi li t-trattament ser jiġi pprovdut skont ċerti linji gwida tal-kwalità u tas-sikurezza?

Billi l-kura tas-saħħa transkonfinali* tiġi pprovduta f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn tingħata l-kura*, japplikaw ukoll l-istandards tal-kwalità u tas-sikurezza ta' dan il-pajjiż. Għal aktar informazzjoni dwar l-istandards tal-kwalità u tas-sikurezza li huma fis-seħħ, kif ukoll dwar liema fornituri tal-kura tas-saħħa huma soġġetti għal dawn l-istandards, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tingħata l-kura*.

Kif nista' naċċerta ruħi li l-fornitur tal-kura tas-saħħa li nixtieq immur għandu huwa kkwalfikat sabiex jipprattika l-mediċina u li għandu reputazzjoni tajba?

Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tingħata l-kura* jista' jipprovdu informazzjoni dwar id-dritt ta' fornitur tal-kura tas-saħħa speċifiku li jipprattika l-mediċina jew kwalunkwe restrizzjoni li jista' jkun hemm għal dan id-dritt.

Jekk tixtieq informazzjoni dwar il-fornituri tal-kura tas-saħħa li jipprovdu trattament rigward marda kronika jew rari speċifika, organizzazzjoni tal-pazjenti lokali tista' tipprovdu aktar informazzjoni dwar ir-reputazzjoni ta' fornitur tal-kura tas-saħħa speċifiku. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tingħata l-kura* jista' jinfurmak dwar l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti differenti li jinsabu f'pajjiżu.

⑥ Rimborż u spejjeż

Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew l-isptar lokali jista' jitlobni miżati ogħla minħabba li jien pazjent(a) barrani(ja)?

Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jew l-isptar huwa obligat li jitolbok l-istess miżati li huma applikabbli għall-pazjenti domestiċi.

Fejn nista' nsib aktar informazzjoni dwar il-prezzijiet tat-trattament?

Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament jista' jipprovdi aktar informazzjoni dwar it-tariffi għall-kura medika applikati f'dak il-pajjiż. Barra minn hekk, il-fornitur tal-kura tas-saħħa barrani li tixtieq tikkonsulta huwa obligat jipprovdi informazzjoni ċara dwar il-prezzijiet tat-trattament ipprovdut minnu.

X'inhuma l-possibiltajiet tiegħi li jkolli parti mill-ispejjeż imħallsa mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħi lura f'pajjiżi?

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, l-ispejjeż tiegħek imġarrba għal trattament mediku* barra minn pajjiżek jistgħu jitħallsu mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek lura f'pajjiżek taħt żewġ skemi differenti: ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009* u d-Direttiva 2011/24/UE*.

- Skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009*, l-ispejjeż tiegħek jitħallsu skont l-ammont previst fir-regoli u l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn tingħata l-kura*.
- Skont id-Direttiva 2011/24/UE, l-ispejjeż tiegħek ser jitħallsu skont l-ammont previst fir-regoli u l-leġiżlazzjoni ta' pajjiżek.

Jekk jogħġbok innota li l-firxa tas-servizzi tal-kura tas-saħħa koperti, il-kundizzjonijiet tal-aċċess għat-trattament mediku*, kif ukoll l-implikazzjonijiet finanzjarji ser ivarjaw skont l-iskema li taħtha tgawdi minn trattament barra mill-pajjiż.

Billi s-sigurtà soċjali tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri stess, inti tista' tkun intitolat(a) wkoll għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali* derivati minn leġiżlazzjoni purament nazzjonali, bħal pereżempju taħt proġetti tal-kura tas-saħħa nazzjonali għal reġjuni tal-fruntieri.

Informa ruħek dwar l-għażliet differenti kollha tiegħek fir-rigward tal-aċċess għall-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorju* tiegħek.

Jien irrid inħallas bil-quddiem meta jkolli awtorizzazzjoni minn qabel* mingħand is-servizz tas-saħħa nazzjonali / il-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħi lura f'pajjiżi?

Jekk l-ispejjeż tat-trattament humiex ser jitħallsu direttament mis-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mill-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek (ħlas minn parti terza*) jew jekk ikollokx tħallas l-ispejjeż kollha bil-quddiem inti stess u mbagħad tagħmel talba għal rimborż wara jiddependi minn jekk tkunx ingħatajt it-trattament barra minn pajjiżek b'formola S2* (ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009) jew skont id-Direttiva 2011/24/UE.

- Skont ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali*, il-metodu tal-ħlas jiddependi mis-sistema fis-seħħ fil-pajjiż fejn tingħata l-kura*. Billi inti tiġi ttrattat(a) daqslikieku kont assigurat(a) taħt is-sistema tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż fejn tingħata l-kura*, inti ser tgawdi l-istess drittijiet u intitolamenti fir-rigward tal-metodu tal-ħlas bħal pazjent(a) domestiku/a b'assigurazzjoni tas-saħħa pubblika. Jista' jkun hemm żewġ possibiltajiet:
 - ❖ It-trattament li teħtieġ ikun mingħajr ħlas (li ħafna drabi jista' jkun il-każ), kultant ikkombinat ma' ammont limitat ta' kopagament, f'liema każ l-ispejjeż jitħallsu direttament bejn il-fornitur tal-kura tas-saħħa u l-awtorità tas-sigurtà soċjali tal-pajjiż fejn tingħata l-kura. L-awtorità barranija mbagħad tikkollabora awtomatikament mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek

f'pajjiżek sabiex tikseb rifużjoni, mingħajr ma jkollok bżonn tagħmel xejn aktar. (! *Kun af li inti tista' tirkupra l-ispejjeż kollha tal-kopagament**, jew parti minnhom, skont l-intitolamenti għall-hekk imsejjaħ *suppliment ta' Vanbraekel**. B'mod aktar speċifiku, dan ser ikun il-każ meta t-tariffa tat-trattament barra mill-pajjiż tkun aktar baxxa mit-tariffa applikata skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali ta' pajjiżek*. Informa ruħek dwar id-drittijiet u l-intitolamenti tiegħek għal kumpens addizzjonali skont is-suppliment ta' Vanbraekel* mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek lura f'pajjiżek)

- ❖ Inti jkollok tħallas l-ispejjeż kollha tat-trattament personalment u jkollok tagħmel talba għal rimborż wara, mal-awtorità tas-sigurtà soċjali lokali waqt li tkun għadek barra minn pajjiżek, jew mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorju* tiegħek malli tirritorna f'pajjiżek. B'mod jew b'ieħor, tapplika t-tariffa ta' rimborż tal-pajjiż fejn tingħata l-kura*.
- Skont id-Direttiva 2011/24/UE, inizjalment dejjem ikollok tħallas l-ispejjeż kollha tat-trattament inti stess. Inti tħallas il-fatturi kollha direttament lill-fornitur tal-kura tas-saħħa/lill-isptar barra mill-pajjiż. Malli tirritorna lejn pajjiżek, inti tista' tressaq talba għal rimborż mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorju* tiegħek. Dan tal-aħħar japplika l-istess tariffa ta' rimborż bħal dik għat-trattament domestiku pprovdut f'pajjiżek*.

F'każ li jkollni nħallas bil-quddiem, lil liema istituzzjoni għandi nibgħat it-talba tiegħi għal rimborż?

Meta tgawdi minn trattament barra mill-pajjiż skont ir-*Regolamenti dwar is-Sigurtà Soċjali (KE) 883/2004 u 987/2009** u jkollok tagħmel ħlas bil-quddiem*, inti liberu li tagħżel li tressaq talba għal rimborż mal-awtorità tas-sigurtà soċjali lokali waqt li tkun għadek barra minn pajjiżek, jew inkella mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa statutorju* tiegħek malli tirritorna lejn pajjiżek. B'mod jew b'ieħor, tapplika t-tariffa ta' rimborż tal-pajjiż fejn tingħata l-kura*.

Skont id-Direttiva 2011/24/UE, inti dejjem trid tagħmel ħlas bil-quddiem*. Inti intitolat(a) li tressaq talba għal rimborż mas-servizz tas-saħħa nazzjonali*/ mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa* tiegħek malli tirritorna lejn pajjiżek. F'dan il-każ, tapplika t-tariffa ta' rimborż ta' pajjiżek.

⑦ Id-drittijiet tal-pazjenti

X'jiġri jekk ma naqbilx mat-trattament jew l-intervent mediku propost mill-fornitur tal-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż?

F'każ li ma taqbilx mat-trattament propost, inti bl-ebda mod ma tkun obligat li tgħaddi minnu. Il-fornitur tal-kura tas-saħħa huwa obligat li jikseb il-kunsens infurmat tiegħek qabel jibda kwalunkwe trattament jew intervent mediku. Inti intitolat(a) li tbiddel ħsiebek u twaqqaf it-trattament fi kwalunkwe ħin.

Madankollu, jibqa' fil-kompetenza tal-fornitur tal-kura tas-saħħa li jiddeċiedi liema trattament huwa l-aktar xieraq abbażi ta' raġunijiet mediċi. Inti ma għandekx id-dritt li tinforza kwalunkwe trattament possibbli li tista' tkun tixtieq. Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jrid jinfurmak dwar it-trattament li jipproponi, kif ukoll dwar l-alternattivi ta' trattament possibbli.

Jekk taqbilx mat-trattament propost jew tagħżilx trattament alternattiv, il-kunsens tiegħek huwa meħtieġ għal kwalunkwe att mediku u għal kull pass tal-proċedura medika. Fl-aħħar mill-aħħar, huwa inti stess li tagħżel li taqbel mat-trattament jew mal-intervent mediku jew li tkompli bih.

Għal aktar informazzjoni dwar id-dritt tiegħek għal kunsens infurmat, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament.

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħi bħala pazjent f'dan il-pajjiż?

Billi l-kura tas-saħħa transkonfinali* tiġi pprovduta f'konformità mal-leġislazzjoni tal-pajjiż fejn tingħata l-kura*, japplikaw id-drittijiet tal-pazjenti li jinsabu fil-leġislazzjoni nazzjonali ta' dak il-pajjiż. Inti ser tgawdi l-istess drittijiet u intitolamenti fir-rigward tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u li tingħata trattament bħall-pazjenti domestiċi, bħad-drittijiet tiegħek rigward il-kunsens infurmat, l-aċċess għar-rekords mediċi, il-privatezza, l-ilmenti u r-rimedju,...

Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* tal-pajjiż fejn tingħata l-kura* jista' jipprovdilek aktar informazzjoni dwar il-qafas tad-drittijiet tal-pazjenti li huwa fis-seħħ f'dak il-pajjiż.

⑧ Kura ta' segwitu

X'jiġri jekk inkun neħtieġ kura ta' segwitu wara li ningħata trattament jew intervent mediku barra minn pajjiżi?

Meta tkun ingħatajt trattament barra minn pajjiżek u jintwera li jkun meħtieġ segwitu mediku, inti intitolat(a) għal kura ta' segwitu* xierqa f'pajjiżek* daqslikienu t-trattament innifsu ngħata f'pajjiżek minflok barra minnu. Pajjiżek* huwa obligat li jipprovdilek kura ta' segwitu tal-istess kwalità, irrispettivament minn fejn seħħ it-trattament.

⑨ Rekords mediċi u lingwa

Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-lingwa tat-trattament?

Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* fil-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament ser ikun jista' jipprovdilek aktar informazzjoni dwar il-lingwi tat-trattament f'dak il-pajjiż.

Għandi bżonn nagħmel l-arranġamenti għall-interpretar jien stess meta ma nkunx nista' nifhem lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li jikkurani minħabba barriera lingwistika?

Meta t-trattament jiġi pprovdut b'lingwa oħra, kun żgur li tinforma ruħek dwar jekk ikollokx bżonn tagħmel l-arranġamenti għall-interpretar inti stess matul il-kuntatt tiegħek mal-fornitur(i) tal-kura tas-saħħa u ma' membri tal-persunal mediċi oħrajn barra minn pajjiżek.

X'għandu jiddokumenta l-fornitur tal-kura tas-saħħa fir-rekords mediċi tiegħi?

Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura malli tirritorna lejn pajjiżek, inti intitolat(a) għal rekord mediku bil-miktub jew elettroniku tat-trattament jew l-intervent mediku tiegħek. Il-fornitur tal-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż għandu jiddokumenta id-data, il-valutazzjonijiet u l-informazzjoni ta' kwalunkwe tip dwar is-sitwazzjoni medika tiegħek u l-iżvilupp kliniku matul il-proċess kollu tal-kura, bħall-informazzjoni dwar id-dijanjożi, ir-riżultati tal-eżaminazzjoni, l-eżitu tat-trattament, lista ta' mediċini mogħtija, ir-riżultati ta' wara operazzjoni,...

Jien intitolat(a) li jkolli aċċess għar-rekords mediċi tiegħi?

Id-Direttiva 2011/24/UE ttipprovi lil kull pazjent(a) fil-kura tas-saħħa transkonfinali* d-dritt għal mill-inqas kopja waħda tar-rekord mediku tiegħu/tagħha. B'mod aktar speċifiku, inti għandek id-dritt għal kopja tar-rekords mediċi* tiegħek li jkun fihom informazzjoni bħad-dijanjożi, ir-riżultati tal-eżaminazzjoni, il-valutazzjonijiet mill-fornituri tal-kura tas-saħħa u informazzjoni dwar kwalunkwe trattament jew intervent ipprovdut.

Kif nagħmel l-arranġamenti għat-trasferiment tar-rekords mediċi tiegħi lura f'pajjiżi?

It-trasferiment tar-rekords mediċi tiegħek lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li jikkurak f'pajjiżek jista' jkun importanti sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura u trattament ta' segwitu xieraq.

Il-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek irid jipprovdulekk mill-inqas kopja waħda tar-rekords mediċi tiegħek sabiex b'hekk inti tkun tista' tagħmel l-arranġamenti għat-trasferiment tar-rekords tiegħek inti stess. Il-fornitur tal-kura tas-saħħa jista' wkoll jagħmel l-arranġamenti huwa stess għat-trasferiment tar-rekords mediċi tiegħek direttament lill-fornitur tal-kura tas-saħħa li jikkurak f'pajjiżek.

10 Ilmenti u prattika ħażina

X'jiġri jekk ma nkunx sodisfatt(a) bit-trattament li ningħata jew jekk xi ħaġa tmur ħażin?

Jekk ma tkunx sodisfatt(a) bit-trattament jew bl-intervent mediku li ngħatajt, inti intitolat(a) li tressaq ilment u tfittex rimedju. Fi kwalunkwe każ, tapplika l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż fejn jiġi pprovdut it-trattament. Bħala riżultat, ser ikollok tressaq ilment u tfittex rimedju skont il-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji domestiċi. Inti ser tkun soġġett(a) għar-regoli proċedurali, il-limiti ta' żmien, ir-regoli dwar l-oneru tal-prova u l-iskema tad-danni kif applikati fil-pajjiż fejn tixtieq tingħata t-trattament.

Għal aktar informazzjoni dwar l-għażliet tiegħek sabiex tressaq ilment u tfittex rimedju f'każ li xi ħaġa tmur ħażin, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali*.

Lil min għandi nikkuntattja sabiex nirċievi aktar informazzjoni dwar il-possibiltajiet tiegħi li nressaq ilment u nfitteq rimedju?

Ikkuntattja lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* fil-pajjiż fejn tingħata l-kura* għal aktar informazzjoni dwar l-għażliet tiegħek sabiex tressaq ilment, issolvi tilwimiet u tfittex rimedju f'każ li xi ħaġa tmur ħażin. Informa ruħek dwar il-proċeduri differenti fis-seħħ, liema istituzzjonijiet għandek tindirizza, il-passi li jeħtieġ li tiegħu, il-limiti ta' żmien applikabbli, kif ukoll l-ispejjeż proċedurali antiċipati.

Kif nista' niġi żgurat li l-fornitur tal-kura tas-saħħa għandu assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali jew garanziji simili f'każ li xi ħaġa tmur ħażin?

Id-Direttiva 2011/24/UE* tobbliga lil kull pajjiż tal-UE*/taż-ŻEE* jiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà professjonali jew garanzija jew arranġament simili għat-trattament iprovdut fit-territorju tiegħu.

Il-fornitur tal-kura tas-saħħa huwa obligat li jipprovdulekk informazzjoni dwar il-kopertura tal-assigurazzjoni tiegħu għar-responsabbiltà professjonali.

11 Punti ta' Kuntatt Nazzjonali

X'inhuma l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali*?

F'konformità mad-Direttiva 2011/24/UE*, kull Stat Membru installa Punt ta' Kuntatt Nazzjonali* wieħed jew aktar (NCPs*) għall-Kura tas-Saħħa Transkonfinali*. L-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu kif jorganizzaw dawn l-NCPs*. B'riżultat ta' dan, jeżistu differenzi kbar. Xi NCPs* huma allinjati mal-fornitur tal-assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali jew mal-ministeru tas-saħħa, filwaqt li oħrajn huma korpi indipendenti.

Il-kompitu ewlieni tal-NCPs* huwa li jipprovdu lill-pazjenti b'informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar l-aspetti kollha tal-aċċess għat-trattament mediku* barra mill-pajjiż. L-NCPs jipprovdu lill-pazjenti b'informazzjoni dwar suġġetti differenti skont jekk il-pazjent ikunx pazjent domestiku li jkun irid aċċess għall-kura tas-saħħa barra minn pajjiżu (pazjent li jkun ħiereġ*) jew inkella pazjent barrani li jkun irid aċċess għall-kura tas-saħħa fil-pajjiż ikkonċernat (pazjent li jkun dieħel*).

Kif nikkuntattja Punt ta' Kuntatt Nazzjonali*?

L-NCPs* kollha għandhom sit web indikat fejn tiġi pprovduta l-informazzjoni essenzjali dwar

trattament mediku* barra mill-pajjiż (kura tas-saħħa transkonfinali*). Barra minn hekk, il-pazjenti jistgħu jikkonsultaw lill-NCPs* direttament għal aktar informazzjoni jew mistoqsijiet personali dwar l-aċċess għall-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż, bħal permezz tat-telefon, tal-posta elettronika jew ta' formola ta' kuntatt online. Ħafna NCPs* jaqdu wkoll lill-pazjenti personalment fl-uffiċċju tal-NCP*. Id-dettalji ta' kuntatt tal-NCP* huma pprovduti fuq is-sit web ta' kull NCP*, kif ukoll fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea.

